

Appell ippreżentat fit-3 ta' Settembru 2019 minn Vialto Consulting Kft. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fis-26 ta' Ġunju 2019 fil-Kawża T-617/17, Vialto Consulting Kft vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-650/19 P)

(2019/C 372/23)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Appellant: Vialto Consulting Kft. (rappreżentant: Dimitrios Sigalas, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja joghħobha:

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Ġunju fil-Kawża T-617/17;
- tordna lill-Kummissjoni tbat i-ispejjeż.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti tinvoka tliet aggravji insostenn tal-appell tagħha:

1. Is-sentenza appellata hija vvizzjata minn distorsjoni tal-fatti u żball ta' liġi fir-rigward tal-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 2185/96 ⁽¹⁾. Il-Qorti Ġenerali naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li s-suġġett reali tal-kawża għad-danni kienet il-kwistjoni jekk OLAF kienx kiser l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 2185/96 meta talab lill-appellanti biex tippermettilu jiġbor data li ma kienet b'ebda mod relatata mal-investigazzjoni tiegħu. Il-Qorti Ġenerali lanqas ma ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li l-appellanti effettivament awtorizzat lill-OLAF jinvestiga l-kategoriji kollha ta' data li kien talab.
2. Is-sentenza appellata hija vvizzjata minn żball ta' liġi u minn nuqqas ta' motivazzjoni fir-rigward tal-ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. Il-Qorti Ġenerali ma kkjarifikatx liema mit-tliet kundizzjonijiet stabbiliti fil-ġurisprudenza dwar il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ma humiex sodisfatti f'dan il-każ.
3. Is-sentenza appellata hija vvizzjata minn distorsjoni tal-fatti u minn żball ta' liġi fir-rigward tal-ksur tad-dritt għal smiġh. Il-Qorti Ġenerali naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-Kummissjoni adottat pożizzjoni li hija vinkolanti fuq l-awtorità kontraenti, li tista' tirriżulta f'fatti li jikkawża preġudizzju lill-appellanti, mingħajr ma l-appellanti tkun instemgħat.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 303).